MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 1153/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Kenneth Muscat**

**-omissis-**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kenneth Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 531795(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta' Lulju 2014 ghal habta tas-02:00hrs gewwa Paceville, San Giljan ikkommetta serq ta' handbag li kien jikkontjeni diversi oggetti fosthom mobile phone u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2329.37 ghad-detriment ta' Svetlana Briffa u/jew ta' persuna/i ohra;
2. U aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement, b'kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

-omissis-

6. Ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perijodu operattiv ta' Ordni ta' Probation ghal zmien sena moghtija lilu nhar l-20 ta' mejju 2014 mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LL.D.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279(a) u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat Kenneth Muscat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, il-Qorti thoss li l-aktar piena idoneja tkun dik ta' Probation Order, u ghalhekk filwaqt li ssibu hati tal-ewwel (1) akkuza stante li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) wahda qed tordna estensjoni tal-Probation Order moghtija minn din il-Qorti u datata 20 ta' Mejju, 2014 ghal zmien tliet (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------